TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru 199

KAZ NRU 275

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Marianne Barbara

u

P.V.C. Plastics Limited

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Data: 19 ta' Dicembru, 1984

CHAIRMAN: Anthony J Bartolo MIEEE, TEng, FIElecIE, MBIM, MIIM, MIM.

1. INTRODUZZJONI

(1) Dan il-kaz gie mibghut quddiem it-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali nhar it-30 ta' Mejju, 1983 taht id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 28(2) ta' l-Att XXX ta' l-1976. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

(2) It-Tribunal Industrijali zamm erba (4) seduti.

(3) L-Appellant, is-Sinjorina Marianne Barbara rrapprezentat lilha nnifisha skond il-provvedimenti tal-Artikolu 31(2) ta' l-Att XXX ta' l-1976.

Il-Kumpanija kienet irrapprezentata mis-Sur Dennis Satariano, General Manager ta' l-istess kumpanija b'awtorizzazjoni mill-Bord tad-Diretturi datata t-2 ta' Novembru, 1984.

2. SOTTOMISSJONIJIET PRELIMINARI ('Statements of Case')

(1) Is-Sinjorina Marianne Barbara ssottomettiet bir-rispett li hi (Marianne Barbara) kienet bdiet tahdem mal-kumpanija P.V.C. Plastics Limited, San Gwann, bhala 'Machine Operator' fl-24 ta' Novembru, 1981 u giet imkeccija ngustament fit-28 ta' Marzu, 1983.

.../2

Marianne Barbara qalet li hi (Marianne Barbara) kienet fis-sezzjoni fejn isiru n-'night gowns' tat-trabi u kienet rikjesta li ttella produzzjoni ta' 27 tuzzana u nofs ta' "neck bands". Minbarra hekk Marianne Barbara kellha ttella 5 tuzzani ohra b'total ta' 32 tuzzana u nofs bhala 'bonus production' u ta' dan kienet tithallas hames liri Maltin (LM5.00,0) fil-gimgha bhala 'extra'.

Marianne Barbara qalet li l-produzzjoni tal-gurnata kif ukoll il-'bonus production' kienet ittellaghhom matul il-gurnata. Marianne Barbara qalet li hi kienet tidhol ghax-xoghol nofs siegha qabel fil-ghodu u anke tibqa' tahdem fil-hin tal-mistrieh f'nofs in-nhar u li ta' dan kien hemm xhieda s-Supervisor u t-tfajliet tas-sezzjoni u bhala prova hemm il-'punch cards'.

Ghal bidu tas-sena 1983 il-produzzjoni giet imtella ghal 32 tuzzana u nofs jigifieri ghall livel tal-'bonus production' ta' qabel u l-'bonus production' giet mizjuda ghal 37 tuzzana u nofs. Marianne Barbara qalet li hi (Marianne Barbara) xorta ghamlet il-produzzjoni ta' 32 tuzzana u nofs, izda t-37 tuzzana u nofs ma setghetx taghmilhom. Marianne Barbara qalet li ghaldaqstant hi minflok ma giet trasferita ghal post iehor bhal tfajliet ohra giet ingustament imkeccija fit-28 ta' Marzu ta' l-1983. Ir-raguni li giet moghtija fic-'Certifikat tat-Temm ta' l-Impieg' kienet 'unsatisfactory conduct' li ma ghandha x'taqsam xejn mar-raguni vera.

Marianne Barbara ssottomiettiet li wara li resqet il-kaz taghha (ta' Marianne Barbara) quddiem is-Sur Kenneth Cassar tal-General Workers' Union, Marianne Barbara kienet giet impiegata mill-gdid mill-11 ta' April ta' l-1983 izda regget giet imwaqqfa mix-xoghol fil-15 ta' April ta' l-1983 bl-istess raguni - jigifieri, 'unsatisfactory conduct'. Marianne Barbara qalet li hi (Marianne Barbara) kienet thalset ghall-perijodu li damet wieqfa - jigifieri, mit-28 ta' Marzu ta' l-1983 sat-8 ta' April ta' l-1983.

Fl-ahharnett, l-appellant, Marianne Barbara, ssottomettiet bir-rispett li kienet ilha mpjegata mal-kumpanija P.V.C. Plastics Ltd ghal sena u hames xhur u qatt ma kellha lmenti minn ghand hadd.

Ghaldaqstant, l-Appellant, Marianne Barbara talbet li jsir haqq mill-kaz taghha billi tinghata kumpens tal-paga dovuta lilha (lill-Marianne Barbara) minn mindu tkecciet fil-15 ta' April ta' l-1983 sal-jum li jigi deciz il-kaz quddiem it-Tribunal Industrijali.

(2) Is-Sur Dennis Satariano, General Manager, ghan-nom tal-kumpanija P.V.C. Plastics Limited issottometta li l-Appellant, is-Sinjorina Marianne Barbara kienet impjegata mal-kumpanija mill-24 ta' Novembru, 1981 sat-28 ta' Marzu ta' l-1983 bhala 'machinist'.

Maghtul l-impieg tas-Sinjorina Marianne Barbara kien hemm kazi fejn Marianne Barbara naqset li taghmel xogholha bl-efficjenza u d-dixxiplina li titlob il-kumpanija.

Fit-12 ta' Otturbu ta' l-1982, Marianne Barbara, giet moghtija 'warning' talli ma lahqitx il-livell tax-xoghol stabbilit mill-kumpanija.

Is-Supervisor gibdet l-attenzjoni ta' Marianne Barbara kemm il-darba li hi (Marianne Barbara) ma kienitx qeghda tilhaq il-livell ta' xoghol mitlub mill-kumpanija u fis-16 ta' Frar ta' l-1983 Marianne Barbara giet moghtija 'warning' bil-miktub ghaliex wara li s-Supervisor gibditilha l-attenzjoni li mhiex qieghda tilhaq il-livell mitlub, Marianne Barbara bdiet tghajjat u tir-rispondiha. Fl-istess gurnata, 'warning' iehor bil-miktub gie mghoti lill-Appellant, Marianne Barbara tghalli bdiet tghajjat u b'hekk telfet lill-haddiema l-ohra tant li kellha tigi eskortata barra mill-'production floor'.

L-attitudni ta' Marianne Barbara lejn is-Supervisor taghha u l-obligazzjonijiet taghha (ta' Marianne Barbara) lejn il-livell tax-xoghol ma setghux jigu ttollerati aktar.

Il-kumpanija sejhet lis-Segretarju tal-General Workers' Union, li minn naha tieghu investiga l-kaz fil-prezenza ta' Marianne Barbara u gie deciz li l-Appellant, Marianne Barbara, tigi moghtija gimgha ta' prova li tibda mill-11 ta' April ta' l-1983 u jekk Marianne Barbara ma tilhaqx l-efficjenza mitluba minnha, l-impieg taghha (ta' Marianne Barbara) jigi tterminat. F'dan il-kaz,

il-General Workers' Union minn-naha taghha, tikkonsidra l-kaz maghluq.

Is-Sur Dennis Satariano, ghan-nom tal-kumpanija P.V.C. Plastics Limited, issottometta bir-rispett li l-kumpanija, wara li fliet dawn il-kazimsemmija hawn fuq, ma kelliex triq ohra hlief li ttemm l-impieg ta' l-Appellant, Marianne Barbara fit-18 ta' April ta' l-1983.

3. XHIEDA

(1) Prodotti mill-Appellant (kif xehedu)

- Is-Sinjura Anna Sammut - ex-Machinist
- Is-Sinjorina Mary Anne Azzopardi - Machinist
- Is-Sinjura Marthese Tabone - ex-Machinist
- Is-Sinjorina Marianne Barbara - l-appellant nnifisha.

(2) Prodotti mill-Kumpanija (kif xehedu)

- Is-Sinjura Doreen Attard Moltaldo, Production Manageress
- Is-Sinjura Mary Stillato, Assistant Production Manageress
- Is-Sinjorina Carmen Bartolo, Senior Supervisor
- Is-Sinjura Doris Sammut, Production Supervisor
- Is-Sinjorina Gina Cassar, Machinist
- Is-Sinjorina Lina Tonna, Machinist
- Is-Sur Kenneth Cassar, Assistent Segretarju tat-Taqsima Kimika u Haddiema Generali tal-General Workers' Union
- Is-Sur Lawrence Lautier, President tat-Taqsima Kimika u Haddiema Generali tal-General Workers' Union
- Is-Sinjura Frida Calleja, Supervisor
- Is-Sur Dennis Satariano, General Manager tal-Kumpanija P.V.C. Plastics Limited.

(3) Prodotti mit-Tribunal Industrijali

- Is-Sur Angelo Bartolo, Segretarju tat-Taqsima Kimika u Haddiema Generali tal-General Workers' Union

.../5

- Is-Sur Kenneth Cassar, Assistent Segretarju tat-Taqsima Kimika u Haddiema Generali tal-General Workers' Union li rega gie msejjah mit-Tribunal biex jghati xhieda fuq xi punti li kellhom bzonn jigu kklarifikati dwar il-laqgha u l-ftehim li kien sar bejn il-General Workers' Union u l-Kumpanija P.V.C. Plastics Limited fuq dan il-kaz.

4. <u>DOKUMENTI</u>

(1) L-Appellant, is-Sinjorina Marianne Barbara, ipprezentat tliet (3) dokumenti li gew immarkati Dok 11, Dok 12 u Dok 13, barra mis-Sottomissjonijiet Preliminari u s-Sottomissjonijiet Finali li gew immarkati Dok 1 u Dok 6 rispettivament.

(2) Il-kumpanija pprezentat tmien (8) dokumenti li gew immarkati Dok 3, Dok 4, Dok 5, Dok 8, Dok 9, Dok 10, Dok 10A u Dok 10B barra mis-Sottomissjonijiet Prelimari u s-Sottomissjonijiet Finali li gew immarkati Dok 2 u Dok 7 rispettivament.

(3) I-Appellant, Marianne Barbara, pprezentat zewg certifikati ta' "course" fil-"hairdressing" li l-Appellant hadet f'Awissu ta' l-1978 biex tinnega permezz ta' prova allegazzjoni li saret fuqha mill-kumpanija waqt is-smiegh tal-kaz fuq ir-raguni ghannuqqas ta' hegga ta' l-Appellant fil-karriera taghha bhala 'machinist'.

It-Tribunal ra dawn iz-zewg certifikati u ordna li ma kienx hemm bzonn li jinzammu fir-records bhala dokumenti izda li jissemmew fil-minuti tal-kaz mizmuma mis-Segretarju tat-Tribunal Industrijali li kopja taghhom tinghata liz-zewg partijiet u kopja ohra tinzamm fil-file tar-Registru tal-Qorti tal-Kummerc.

5. <u>SOTTOMISSJONIJIET FINALI</u>

(1) Fis-Sottomissjonijiet Finali, iz-zewg partijiet fethu aktar fuq il-kaz u fuq l-argumenti li huma pprezentaw fis-Sottomissjonijiet Preliminari taghhom kif ukoll ghamlu referenzi kemm ghal xi dokumenti li gew ipprezentati waqt is-smiegh tal-kaz mit-

Tribunal Industrijali u ghal dak li ntqal mix-xhieda.

(2) L-Appellant, is-Sinjorina Marianne Barbara cahdet bil-qawwa kollha li hi giebet ruha hazin u ghamlet referenza ghax-xhieda tas-Sur I Lautier u tas-Sur Angelo Bartolo fejn qalet li waqt ta' l-ahhar (is-Sur Angelo Bartolo) qal li s-Sur L Lautier kien infurmah bin-nuqqas ta' rispett tas-Sinjorina Marianne Barbara waqt l-laqgha mal-Management, s-Sur L Lautier fix-xhieda tieghu ma semma xejn fuq dan.

L-Appellant qalet ukoll li s-Supervisor, is-Sinjura Frida Calleja nee' Aquilina fis-16 ta' Frar, ta' l-1983 bdiet tghajjat maghha ghax allegat li kienet qieghda tparla meta l-persuna li kienet qieghda tparla kienet il-'machinist' ta' waraja - Rita Mallia - u hi (Marianne Barbara) giet akkuzata bla htija. L-appellant, Marianne Barbara qalet li s-Supervisor Frida Calleja bdiet tghajjat ghajjat tal-genn li sahansitra semghatha Lina Tonna li kienet f'section ohra kif xehdet l-istess Lina Tonna.

L-Appellant, is-Sinjorina Marianne Barbara, rrifjutat bis-shih l-allegazjoni tal-kumpanija li hi qatt ma kellha interess li taghmel karriera mix-xoghol taghha fil-fabbrika bhala 'machinist' ghax l-Appellant dejjem kellha hsieb li tiftah saloon bhala hairstylist. L-appellant ipproduciet ic-certifikati ta' Hairstylist li jgibu id-data tat-3 u 17 ta' Awissu ta' l-1978 biex turi li din l-allegazzjoni hija nfondata ghax kieku kellha aktar interess fil-hairstyling kieku kienet tiftah is-saloon wara li kellha c-certifikati f'Awissu ta' l-1978 u mhux tmur tahdem gewwa fabbrika.

(3) Il-kumpanija ghamlet emfasi fuq il-punt li l-kumpanija thallas lil-impiegati taghha ghal erbghin siegha xoghol fil-gimgha u mhux biex l-impiegat jaghmel 32 tuzzana minn xi prodott jew parti minn prodott kulljum. Il-kumpanija spjegat fid-dettal kif illum il-produzzjoni normali ta' gurnata ghall-istess prodott hija hafna akbar.

Il-kumpanija tat importanza lix-xhieda tas-Sur Angelo Bartolo, Segretarju tat-Taqsima Kimika u Haddiema Generali tal-General Workers' Union li gie mghajjat bhala xhud mit-Tribunal Industrijali.

Ix-xhieda tas-Supervisor, is-Sinjura Frida Calleja nee' Aquilina ukoll giet emfasizzata fis-Sottomissjonijiet Finali tal-Kumpanija, kif ukoll gara mix-xhieda tas-Sur Kenneth Cassar u s-Sur L Lautier, Assistent Segretarju u President rispettivament tat-Taqsima Kimika u Haddiema Generali tal-General Workers' Union u ta' Mrs Doreen Attard Montaldo, Production Manageress tal-Kumpanija.

Il-kumpanija ssottomettit li l-ebda kumpanija ma tistgha tittollera li l-impiegati jiddeterminaw il-kundizzjonijiet tax-xoghol huma u qalet (il-kumpanija) li atteggament bhal dan ikun ricetta biex tinholoq kaos fl-industrija. Il-Kumpanija qalet ukoll li l-impiegat ma ghandu qatt jipprova jizgicca mix-xoghol fuq xi skuza ta' jekk ghandux dritt jaghmel jew le certu ammont ta' xoghol ghax wara kollox il-Ftehim Kollettiv li l-Kumpanija ghandha mal-General Workers' Union hu li l-haddiema huma mpjegati u mhallsa ta' gimgha xoghol ta' erbghin siegha.

Il-Kumpanija ssottomettiet ukoll li huwa fatt indiskutibli li l-htiega li tinhadem skema ta' "Bonus" mhiex kapricc tal-kumpanija izda bzonn assolut biex tintlehaq id-domanda bhal ma meta tinholoq il-htiega ghall-'overtime'. Barra minnhekk, kompliet tghid il-kumpanija, huwa agir kappriccuz li impiegata titlef ma dwar hames liri Maltin ohra fil-gimgha.

6. <u>KONSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL INDUSTRIJALI</u>

(1) Mis-smiegh tal-kaz jidher car li l-Appellant, s-Sinjorina Marianne Barbara naqset li taghmel l-isforzi taghha kollha biex tgholli l-livell tal-produzzjoni u taghmel dik li giet imsejha l-'grade' jew 'bonus production' li taghha l-kumpanija kienet thallas 'extra' sa l-'maximum' ta' hames liri Maltin fil-gimgha.

Izda huwa car ukoll li l-Appellant dejjem ghamlitha l-produzzjoni normali stabbilita mill-kumpanija stess hlief ghal perijodu ta' sitt gimghat meta l-Appellant giet mibghuta f'linja differenti u taht Supervisor differenti.

(2) Minn disa xhieda li gew prodotti mill-kumpanija tnejn huma machinist, tnejn Managers, tlieta Supervisors u tnejn ufficjali tal-General Workers' Union. Jigifieri fil-parti l-kbira, hamsa minn disa, jiffurmaw parti mill-Management u tnejn ohra huma haddiema li ghadhom impjegati mal-Kumpanija.

It-tliet xhieda prodotti mill-Appellant, huma machinist li ghada tahdem mal-kumpanija u tnejn ohra li kienu machinist u telqu minn mal-kumpanija minn jeddhom.

It-Tribunal ma jried jitfa l-ebda dell fuq l-ebda xhud ghax li kieku t-Tribunal fehem xi aspett ulterjuri, it-Tribunal kien jiehu l-passi mehtiega. Izda t-Tribunal hass li x-xhieda tal-Managers u s-Supervisors kienet xi ftit jew wisq regimentata, filwaqt li dik tal-haddiema eziztenti, minn barra dik tas-Sinjorina Anne Azzopardi, kienet passiva.

Ix-xhieda tas-Sinjorina Mary Azzopardi kkonfermat li l-Appellant ma kienetx tkelmet hazin izda fuq punti ohrajn ix-xhud kienet xi ftit jew wisq dghajfa.

Is-Sinjura Anne Sammut u s-Sinjura Marthese Tabone xhedu b'mod konvincenti u favur l-Appellant kemm fuq dik li hi produzzjoni normali u kif ukoll fuq il-karattru u l-kondotta ta' l-appellant.

Ix-xhieda tas-Sur L Lautier, President tat-Taqsima Kimika u Haddiema Generali tal-General Workers' Union kienet ikkoncentrata fuq il-laqgha li l-General Workers' Union kellha mal-Management meta sar ftehim li l-Appellant ikollha gimgha prova mill-gdid.

Ix-xhieda tas-Sur Kenneth Cassar, Assistent Segretarju tat-Taqsima Kimika u Haddiema Generali tal-General Workers' Union kienet fuq it-tahdidiet li ghaddew bejn il-General Workers' Union u l-Management meta l-Appellant giet mkeccija l-ewwel darba u kif il-Union u l-Management qablu li jghatu cans iehor lill-Appellant billi l-Management, fuq talba tal-General Workers' Union, qabel li jhaddem lill-Appellant ghal gimgha bi prova biex isir magħruf jekk l-Appellant, is-Sinjorina Marianne Barbara, taghmelx progress fil-produzzjoni u tibda tilhaq il-'production bonus'.

.../9

Is-Sur Angelo Bartolo, Segretarju tat-Taqsima Kimika u Haddiema Generali tal-General Workers' Union li gie prodott mit-Tribunal Industrijali sabiex jiccara xi punti li ssemmew waqt is-smiegh tal-kaz, fil-parti l-kbira xehed fuq x'qallu haddiehor, f'dan il-kaz is-Sur L Lautier, ghaliex hu kien imsiefer u ma kienx attenda ghall-laqghat. Ghaldaqstant, ix-xhieda tas-Sur Angelo Bartolo mhiex okkulari u ma tikkonformax mal-ligi ta' l-evidenza.

Ix-xhieda tas-Sur Dennis Satariano, General Manager tal-Kumpanija kif ukoll dik ta' l-Appellant, is-Sinjorina Marianne Barbara, kienet konvincenti izda kien hemm kontradizjoni fuq il-punti principali li huma l-produzzjoni ta' l-Appellant u ghal karattru u l-kondotta taghha.

It-Tribunal fl-isfond ta' dawn il-konsiderazzjonijiet fuq ix-xhieda li nstemghu quddiem it-Tribunal ihoss li xhieda kollha mqeghda f'mizien ma hallietx dubji fuq il-punti principali tal-kaz.

(3) It-Tribunal jghid minghajr tlaqliq li l-ebda azjenda ma tista tittollera li l-haddiema taghha (tal-azjenda) jiddeterminaw il-kundizzjonijiet tax-xoghol huma (il-haddiema). Izda t-Tribunal jixtieq jaghmilha cara li minn ihaddem langas jista jbiddel xi ftehim kollettiv jew individwali, bhal ma hu kuntratt tax-xoghol (Contract of Service) minghajr qbil taz-zewg partijiet u basta dan it-tibdiel ma jmurx kontra ic-C.E.R.A. jew il-Wage Regulation Order applikabbli ghall klassi tal-haddiem jew haddiema ikkoncernati. It-Tribunal izied jghid ukoll li kull kondizzjoni ta' xoghol f'xi ftehim tista timbidel biss b' kondizzjoni ta' xoghol ahjar minnha jew permezz ta' "package deal" li jirrizulta f'kondizzjonijiet ta' impieg ahjar globalment.

Izda t-Tribunal ma jistghax jifhem l-iskop ta' l-allegazjoni maghmulha mill-Kumpanija f'dan is-sens ghaliex il-livell tal-produzzjoni huwa funzjoni tax-xoghol innifsu u mhux kondizzjoni tax-xoghol bhal ma huma l-kondizzjonijiet tax-xoghol li jitnizzlu f'xi "ftehim kollettiv" jew "kuntratt ta' servizz". Fil-fatt,

.../10

il-livell tal-produzzjoni, li huwa l-prerogattiva tal-Management ta' Kumpanija, jigi diterminat fuq bazi xjentifici u teknologici fl-isfond ta' normi internazzjonali fuq produzzjoni ta' tip ta' oggett li se jinhadem u wara li jigu kkonsiderati fatturi partikolari.

(4) Il-'bonus production' ma tistghax tittiehed fl-istess sfond tas-sahra ('overtime') ghaliex is-sahra hija kontinwazzjoni tax-xoghol wara l-hin tax-xoghol bi hlas li r-rata tieghu hija ddeterminata mil-ligi jew xi ftehim li jipprovdi ghall kondizzjoni ahjar mill-kondizzjoni minima li tghid il-ligi.

Il-'bonus production' tikkonsisti f'xoghol maghmul b'certu sforz akbar minn individwi bi hlas skond skema maqbula bejn min jahdem u min ihaddem

Fil-fatt, meta haddiem jahdem sahra huwa jithallas bir-rata stabbilita ghal kull siegha anki jekk f'dik is-siegha jaghmel xoghol inqas ghal xi raguni jew ohra. Izda l-'bonus production' issir waqt l-istess sieghat tax-xoghol normali u hija msawra fuq l-efficjenza tal-haddiem b'mod specjali kemm il-haddiem hu kapaci jaggel jew ma jitlifx zmien f'xi haga ohra.

Ghaldaqstant, il-Kumpanija ma tistghax tikkonsidra l-'bonus production' bhala obligatorja bhal ma hi obligatorja s-sahra ('overtime'). Tant hu hekk li l-hlas ghall-'bonus production' isir skond l-ammont ta' produzzjoni li ssir il-fuq mil-produzzjoni normali - jigifieri, tant flus ghal kull 'unit' jew numru ta' 'units' mahduma.

Minkejja dan il-principju fuq id-differenza bejn is-sahra ('overtime') u l-'bonus production', il-Management ta' kumpanija ma jaghmilx skema ta' "bonus production" ghal xi kapricc izda biex ikabbar l-efficenza fil-produzzjoni tal-fabbrika bi skop li jkun jista jaqdi suq akbar u bi prezz aktar kompetenti.

It-Tribunal jghid minghajr tlaqliq illi tkeccija gusta ma tistghax tintrabat ma 'bonus production'. Izda t-Tribunal huwa wkoll tal-fehma li kumpanija ma tistghax ikollha haddiema li mhumiex

.../11

lesti biex isiru aktar efficjenti u b'hekk ikabbru l-produzzjoni, tal-kumpanija li fl-ahhar mill-ahhar tkattar il-gid tal-kumpanija u taghti xoghol aktar lil haddiema taghha.

(5) Il-kumpanija ghamlet zball li harget 'Certifikat ta' Temm ta' Impieg' fuq dak li l-kumpanija sejhet 'Unsatisfactory Conduct' meta kif qalet il-kumpanija stess u kif ikkonferma x-xhud s-Sur Kenneth Cassar tal-General Workers' Union, il-laqghat li saru bejn il-Management tal-Kumpanija u t-Taqsima tal-General Workers' Union kienu fuq il-produzzjoni. Tant hu hekk, li l-kumpanija u l-General Workers' Union ftehmu biex lill-Appellant Marianne Barbara jaghtuha cans ta' gimgha biex jaraw jekk f'din il-gimgha ghandiex hila tlahhaq il-'bonus production', haga li l-Appellant ma ghamletx u ghalhekk giet imkeccija.

Certifikat ta' "Unsatisfactory Conduct" jallega tkeccija ghal raguni dixxiplinarja. Ghaldaqshekk, il-kumpanija lanqas kellha thallas in-'notice money' ta' zewg gimghat kif irrizulta li l-kumpanija ghamlet f'April ta' l-1983 (vide P.3 form ta' l-Appellant ghas-sena 1983). B'dan il-kumpanija wriet li ma kienetx la deciza u lanqas preciza fuq ir-raguni tat-tkeccija ta' l-Appellant.

L-Appellant qalet li hi ma kienetx fehmet ic-certifikat meta dan inatalha. Dan mhux possibli ghaliex l-Appellant ghandha skola bizzejjed biex tkun taf xi jfissru l-kliem 'Unsatisfactory Conduct'. Izda jista jkun li l-Appellant ma basretx li, kif qalet hi, kienet se tigi rrifjutata x-xoghol, meta pprovat li tahdem ma fabbrika ohra, minhabba dan ic-certifikat. It-Tribunal ma ghandux la prova favur u lanqas kontra ta' din id-dikjarazzjoni u ghalhekk jaghti l-benificcju tad-dubbju lill-Appellant.

Ghaldaqstant, l-Appellant sofriet danni akkawza ta' inkorrettezza fic-Certifikat li taghtha l-kumpanija specjalment meta kif deher mis-smiegh tal-kaz l-uniku ncident li kien hemm fuq agir ta' l-Appellant kien dak tas-16 ta' Frar, 1983 meta f'gurnata wahda l-Appellant irceviet zewg warnings. Kif deher mix-xhieda u s-Sottomissjonijiet Finali ta' l-Appellant fuq dan l-incident hemm dubbji wkoll.

.../12

7. DECIZJONI U AWARD

Wara li t-Tribunal Industrijali studja dan il-kaz bir-reqqa kif ipprezentat miz-zewg partijiet, semgha x-xhieda prodotti u fela d-dokumenti pprezentati waqt is-smiegh tal-kaz, it-Tribunal Industrijali ddecieda li l-Kumpanija P.V.C. Plastics Limited ma kienetx iggustifikata li tkecci lill-Appellant Marianne Barbara f'April ta' l-1983 ghaliex l-Appellant kienet qieghdha tlahhaq il-produzzjoni normali stabbilita mid-ditta stess ghal dak iz-zmien.

L-Appellant, Marianne Barbara, ma ghamlitx talba sabiex terga tigi mpjegata mal-Kumpanija barra milli tithallas ta' dak li tilfet minn mindu tkecciet sakemm tigi mpiegata mil-gdid.

Dan in-nuqqas mill-Appellant juri, li barra milli jista jkun hemm xi verita li l-Appellant ma ghandhiex interess li taghmel ix-xoghol ta' "machinist" il-karriera taghha, kif allegat il-kumpanija, l-Appellant Marianne Barbara ma soffrietx id-danni li qieghdha tippretendi - jigifieri, il-hlas tal-paga ta' LM31.25,0 fil-gimgha mill-15 ta' April, 1983 sad-data ta' l-Award minn dan it-Tribunal, li jammontaw ghal madwar elfejn u tnien mitt lira Maltin (LM2,800).

Ghaldaqstant, it-Tribunal jordna li l-Kumpanija P.V.C. Plastics Limited thallas lill-Appellant, Marianne Barbara, s-somma ta' tlett mitt lira Maltin (LM300) bhala kumpens ta' danni li l-Appellant sofriet bic-certifikat li taghtha l-kumpanija fuq 'Unsatisfactory Conduct' li ma kienx il-bazi tat-tkeccija ta' l-Appellant.

Dan il-hlas ghandu jsir sa l-ahhar ta' Jannar, 1985.

It-Tribunal jordna ukoll li l-Kumpanija taghti certifikat tajjeb lill-Appellant, Marianne Barbara.

B'din id-Decizjoni u award, it-Tribunal Industrijali jtemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

ANTHONY J BARTOLO
Chairman

A. BARTOLO PARNIS
Segretarju

Data: 19 ta' Dicembru, 1984

ja